MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 4/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Anthony Fenech**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 23 t' Ottubru, 2001 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Hal-Lija tal-kejl ta' madwar 125 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjeta ta' Anthony Fenech u mill-Punent u mill-Majjistral ma' Triq Pantar huwa ta' erbatax-il elf Lira Maltija (Lm14,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&C.E. tal-11

t’Ottubru, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali datata 9 ta’ Novembru, 2001 l-intimat fost affarijiet ohra ddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jitrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat, debitament notifikat b’dan ir-rikors, naqas milli jintavola risposta izda permezz ta’ ittra ufficjali tad-9 ta’ Novembru 2001, l-istess intimat kien oppona l-offerta tal-Kummissarju tal-Art kwantu l-valur;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett David Pace u l-perit arkitett Frederick Valentino li b’relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Minn kalkoli li ghamilna, wara li hadna dawn il-konsiderazzjonijiet, nistmaw il-valur ta’ l-art esproprijanda [bhala fabrikabbli] fis-somma ta’ tmintax-il elf u hames mitt liri Maltin (LM18,500) libera u franka ekwivalenti ghall-Euros 43,093.41

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lil-intimat jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-bicca art fabrikabbli f'Hal-Lija tal-kejl ta' madwar 125 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjeta ta' Anthony Fenech u mill-Punent u mill-Majjistral ma' Triq Pantar u dan bil-valur ta' tlieta u erbghin elf u tlieta u disghin euro u wiehed u erbghin centezmu (Euros 43,093.41) oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-fl-24 ta'Gunju 2009 fis-1.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------